# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 108**

**Citaz. Nru. 1179/99GV**

Doc. 97-01

**Mario Grech**

**vs**

**Francis Grech, Rose Bonnici, Nazzareno Grech u Benjamin Grech f'ismu proprju kif ukoll bhala prokuratur tal-imseifra Carmen Prince**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fit-18 ta' April, 1981 mietet Michelina Grech mart Felice Grech u omm il-kontendenti odjerni (Dok. A);

Premess illi skond l-ahhar testment taghha u cioe' dak *unica charta* tal-15 ta' April, 1972, atti Nutar Dottor John Spiteri Maempel (Dok. B), l-imsemmija Michelina Grech innominat lill-kontendenti sitt (6) uliedha bhala eredi universali taghha fi kwoti ugwali bejniethom;

Premess illi fit-30 ta' Gunju, 1994, miet Felice Grech zewg l-imsemmija Michelina Grech u missier il-kontendenti odjerni (Dok. B);

Premess illi skond l-ahhar testment tieghu u cioe' dak *unica charta* tal-15 ta' April, 1972 (Dok. B) hekk kif modifikat bit-testment tat-18 ta' Marzu, 1982, atti Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (Dok. D), l-imsemmi Felice Grech

halla b'titolu ta' prelegat lill-ibnu l-attur Mario Grech, il-fond Marsaxlokk numru wiehed u sebghin (71) Xatt is-Sajjied gja' Marsaxlokk Quay, u il-fond hanut numru tnejn u sebghin (72) maghruf bhala '*Old Fisherman's Bar*' u dana bhala legat *di cosa altrui* u nnomina lis-sitt kontendenti eredi universali;

Premess illi l-attur irid li l-konvenuti jaddivjenu ghall-kuntratt ta' *imissio in possessio* mehtieg skond il-ligi;

Premess illi ghalkemm interpellati sabiex jimittu fil-pussess lill-attur bil-prelegat tieghu u cioe' il-fondi wiehed u sebghin (71) u tnejn u sebghin (72) Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tordna lill-konvenuti sabiex jimittu fil-pussess lill-attur tal-prelegati tieghu u cioe' il-fondi numru wiehed u sebghin (71) u n-numru tnejn u sebghin (72) Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk mhollija lilu kif fuq spjegat;

2. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att opportun ta' immissjoni fil-pussess u kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci bil-prefissjoni tal-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Dicembru, 1998 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 ta' tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Grech a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn l-attur irid jipprova t-titolu tieghu;

2. Illi l-attur diga' qieghed fil-pussess tal-fondi msemmija u ilu hekk minn dejjem;

3. Illi l-konvenut qatt m'oggezzjona li jersaq ghall-kuntratt imsemmi u l-attur qatt ma ha l-inizjattiva sabiex isir tali kuntratt u ghalhekk fil-konfront tieghu din il-kawza saret inutilment;

4. Illi ghal dawn il-mottivi il-konvenut m'ghandux ibati spejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis u Benjamin Grech a fol. 24 tal-process fejn eccepew:

1. Illi qabel xejn l-atur irid jipprova it-titolu tieghu;

2. Illi l-attur ilu minn dejjem fil-pussess tal-propjeta' li qieghed isemmi;

3. Illi l-konvenuti qatt ma oggezzjonaw ghall-immissjoni fil-pussess ta' l-attur u flok li dan ha l-inizjattiva sabiex jigi immess fil-pusses, fetah din il-kawza;

4. Illi ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex jimmittuh

fil-pussess tal-prelegati tieghu u cioe' l-fondi 71 u 72 Xatt is-Sajjied, Marsaxlokk imhollija lilu minn missieru Felice Grech; tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun t'immissjoni fil-pussess u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill eventwali kontumaci bil-prefissjoni tal-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li qabel xejn l-attur irid jipprova t-titolu tieghu;
li l-attur diga qieghed fil-pussess tal-fondi msemmija u kien hemm minn dejjem; Il-konvenuti qatt m'oggezzjonaw li jersqu ghall-kuntratt imsemmi u l-attur qatt ma ha l-inizzjattiva sabiex isir tali kuntratt u ghalhekk din il-kawza saret inutilment; Ghal dawn il-motivi l-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjez.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, l-attur ressaq id-dokumenti relattivi biex jipprova t-titolu tieghu, u dawn ma gewx kontestati mill-konvenuti. Fil-fatt Francis Grech xehed li dwar it-testment m'hemm ebda kontestazzjoni.

Il-konvenuti qed jissottomettu li huma qatt m'oggezzjonaw li jersqu ghall-kuntratt u l-attur qatt ma ha l-inizzjattiva sabiex isir tali kuntratt u ghalhekk din il-kawza saret inutilment u m'ghandhomx ibatu spejjez. Mill-korrispondenza ezebita mill-attur pero' jirrizulta xort'ohra. Fil-fatt hu kien qieghed f'korrispondenza mal-konvenuti biex issir id-divizjoni tal-assi tal-genituri izda meta ra li ma kienx ser jasal, talabhom biex minflok jimmittuh fil-pussess tal-fondi li kienu mhollija lilu bi prelegat. Kien baghat ittra lill konvenuti kollha (ara dok a fol. 50) izda billi ma hax risposta, kellu jipprocedi b'din il-kawza.

Tnejn mill-konvenuti qed jissottomettu li huma ma jiftakrux li rcevew xi ittra minghand Dr. Libreri dwar it-talba ta' l-attur. Izda l-istess Dr. Libreri xehed li

hu baghat l-ittra lill-konvenuti kollha, fuq *addressed envelope*, u kieku dan ma wasalx ghand il-konvenuti kien jigi ritornat lilu, pero' f'dan il-kaz hu ma rceva xejn lura.

Inoltre jigi osservat li meta l-attur interpella lill-konvenuti, f'ittra minnhom li hu kien irceva minghand l-avukat Gatt b'risposta, dan kien kiteb ghan-nom tal-konvenuti kollha (Dok AL 3 a fol. 48).

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-attur diga qieghed fil-pussess tal-fondi msemmija u kien hemm minn dejjem, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 726 tal-Kap 16 li jipprovvdi li "Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija legat". Din l-immissjoni fil-pussess ghanda principalment l-iskop li tistabbilixxi definittivament illi l-legatarju accetta l-legati lilu mhollija u li mhux ser jirrinunzja ghalihom (ara sentenza App 3/3/95 Borg vs Vella).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tordna lill-konvenuti sabiex jimmittuh fil-pussess tal-prelegati tieghu u cioe' l-fondi 71 u 72 Xatt is-Sajjied, Marsaxlokk mhollija lilu minn missieru Felice Grech; tinnomina lin-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel sabiex jippubblika l-att opportun t'immissjoni fil-pussess u lill Dr. Maria Dolores Gauci kuratur sabiex tirrapprezenta lill eventwali kontumaci u l-pubblikazzjoni ta' l-istess att ghandu jsir fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza. Spejjez ghall-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**